VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,615, 29 ta' Lulju, 2016
Taqsima B

A.L. 268 tal-2016

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni Nru. 5 tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni Nru. 5 tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà), u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-2015 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 5), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

A.L. 265 tal-2015.

Jemenda l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali.

2. Fil-partita enumerata (8) tal-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-*flats* enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67990 u 67991" għandhom jidħlu l-kliem "l-*flats* enumerati 6 u 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 67990 u 67991".